MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru. 511/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Carmelo Galea**

Kumpilazzjoni Nru: 511/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Galea, ta’ 50 sena, iben George u Ines nee’ Xuereb, imwieled Floriana fis-27 ta’ Novembru 1960 u residenti Flat 3 Harbour Lights, Triq l-Irmigg, Marsascala, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 808660(M)

Akkuzat talli fl-14 ta' Gunju, 2007, gewwa dawn il-gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qdejt b' qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b' ohra sabiex gieghelt titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €1956.70 (Lm840) ghad-dannu tan-nutar Dr. Roberta Bisazza u/jew id-Dipartiment tat-Taxxa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 15 ta' Marzu 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta'l-imputat ghalkemm mhux f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li huwa hallas l-ammonti kollha dovuta

lill-parte civile, kif ukoll il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux wahda netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------